MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 26/2016/1 LM

**Clint Muscat u Martina Vella**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Claire Caruana** *("l-appellanta")*
**u Matthew Scicluna**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Claire Caruana (K.I. 434092M)**, (hawnhekk "l-appellanta"), minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), tal-4 ta' Marzu, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") li permezz tagħha l-Qorti filwaqt li ddikjarat li l-intimat Matthew Scicluna baqa' kontumaċi, iddikjarat ukoll li t-talbiet tar-

rikorrenti **Clint Muscat** u **Martina Vella**, (hawnhekk "l-appellati"), ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimata Claire Caruana u ddikjarat li t-talbiet tar-rikorrenti ġew ippruvati fil-konfront taż-żewġ intimati, u laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u kkundannat lill-intimati sabiex flimkien u solidalment bejniethom jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin Euro (€5,648) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-effettiv pagament.

## Fatti

2. Fir-rikors tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti spjegaw li l-intimati għandhom jiġu kkundannati jirrifondulhom lura s-somma ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin Euro (€5,648) rappreżentanti flus imħallsa lilhom biex jagħmlu xogħol fil-fond tar-rikorrenti, liema xogħol ir-rikorrenti jgħidu li ma sarx jew ma sarx sew, u b'hekk l-intimati rċevew dawn il-flus indebitament.

## Mertu

3. Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri sabiex jirkupraw flus imħallsa minnhom indebitament lill-intimati għal xogħol li kellu jsir fi proprjetà tar-rikorrenti, u dan għaliex ix-xogħol miftiehem ma sarx jew ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

4. L-intimata Claire Caruana wieġbet li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex hija fl-ebda waqt ma daħlet f'kuntratt ta' appalt mar-rikorrenti. Qalet ukoll li hija qatt ma kienet fin-negozju u lanqas m'għandha s-sengħa meħtieġa biex tkun tista' tgħaddi d-dawl u l-ilma. Qalet li l-kuntratt ta' appalt ġie miftiehem mal-intimat Matthew Scicluna, u li għandu jkun hu li jwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti.

5. L-intimat Matthew Scicluna, minkejja li ġie debitament notifikat, baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi, u għalhekk l-Ewwel Qorti ddikjarat li huwa baqa' kontumaċi.

6. Flimkien mat-talba tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja ta' rapport redatt mill-**Perit Kenneth Rausi**, li elenka x-xogħlijiet li kellhom isiru mill-intimat Matthew Scicluna fil-proprjetà 4, Sqaq Moħli, Birkirkara (minn issa 'l quddiem "il-fond"). Fost dawn ix-xogħlijiet, fil-fond kellu jsir xogħol ta' konnessjoni elettrika, il-mogħdija ta' *conduits* u *wires* elettriċi u l-installazzjoni ta' *switches* tad-dawl u ta' diversi *fittings* tad-dawl. Ix-xhud spjega illi,

> *"This work was the most costly and labor-intensive part of the agreement since the conduits have to be passed in the joints of the old masonry and therefore rquires a lot of time and effort from the contractor's end. The property does not currently have any existing conduits passed through the property so this was to be done from scratch. The contractor has completely neglected this part of the agreement and has not carried out any of the work discussed."*

Xogħol ieħor li kellu jsir mill-intimat Scicluna kien jinkludi l-konnessjoni tal-fond mas-sistema tad-drenaġġ, u t-tqegħid ta' katusi għal dan il-għan, kif ukoll xogħol ta' *plumbing* sabiex fil-fond jiġi installat l-ilma. Ix-xhud spjega li dan ix-

xogħol baqa' ma tlestiex u x-xogħol li kien sar f'dan ir-rigward ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Ix-xhud ivvaluta x-xogħol li sar mill-intimat fl-ammont ta' elf u erba' mitt Euro (€1,400).

7. Quddiem l-Ewwel Qorti r-rikorrent **Clint Muscat** xehed li hu u r-rikorrenti l-oħra huma s-sidien tal-fond bin-numru 4, Sqaq Moħli, Birkirkara, u l-intimat ġie mqabbad minnhom jagħmel xi xogħlijiet. Qal li wara li hu u r-rikorrenti Martina Vella xtraw il-fond fl-2015, bdew ifittxu *turnkey contractor* li jkun jista' jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa, u kienu talbu lill-intimat Matthew Scicluna jtihom *quotation* għax-xogħol meħtieġ. Qal li l-*quotation* li tah Scicluna kienet ta' għaxart elef u ħames mitt Euro (€10,500), u fil-bidu r-rikorrenti ħallsu l-ammont ta' €3,500. Sussegwentement l-istess xhud qal li l-ammont li oriġinarjament ħallsu r-rikorrenti kien ta' €3,800. L-irċevuta ppreżentata turi li l-ewwel ammont imħallas mir-rikorrenti kien ta' €3,800 għax-xiri tal-materjal biex ikun jista' jibda x-xogħol. Ix-xhud qal li l-irċevuta għal dan id-depożitu nħarġet f'isem Claire Caruana, u t-*trade name* tal-intimati kien 'CC Turnkey Projects'. Ir-rikorrent spjega li l-intimat beda jqatta' l-art għall-mogħdija ta' kanen u lesta parti mix-xogħlijiet li l-partijiet kienu ftiehmu dwarhom, u qal li l-ftehim bejn il-partijiet kien jgħid li hekk kif l-intimat ilesti minn dan ix-xogħol, kellu jibda xogħol ieħor u r-rikorrenti jgħaddulu pagament ieħor. Spjega li wara madwar ħmistax-il ġurnata, l-intimat talabhom somma flus oħra sabiex ikun jista' jixtri materjal addizzjonali, u dan il-pagament addizzjonali kien ta' €3,500. L-irċevuta għal dan il-pagament inħarġet ukoll fuq isem l-intimata Claire Caruana. Ir-rikorrent ippreċiża li f'anqas minn xahar huwa kien ħallas l-ammont ta' sebat elef u tliet mitt Euro (€7,300) lill-intimati.

Kompla jgħid li kif ir-rikorrenti ħallsu t-tieni pagament, huwa ma rax lill-intimat aktar, għajr għal darba waħda meta dan mar b'*pipe* tal-ilma, ferrxu mal-art, u ftit ħin wara ħareġ mill-post u ma rritorna lura qatt aktar. Qal li dan ġara f'Lulju tal-2015, u f'Novembru huwa inkariga lill-Perit Kenneth Rausi sabiex jagħmel stima tax-xogħol li kien laħaq sar mill-intimat. Ix-xhud spjega li l-perit għamel stima bbażata fuq il-flus li laħqu tħallsu lill-intimat, u għamel kalkolu bbażat fuq il-metraġġ ta' xogħol li sar mill-intimat. Ix-xhud qal li r-rikorrenti jridu li l-intimat jitħallas tax-xogħol li laħaq għamel, iżda jridu lura l-bqija tal-flus li ħallsu ladarba dan uriehom li ma jridx ikompli jaħdem. Qal li kull tentattiv sabiex issir komunikazzjoni mal-intimati ma ħalliet l-ebda riżultat. Ix-xhud qal li huwa ma jistax jifhem x'inhi r-raġuni għaliex l-intimata qiegħda tgħid li hija m'għandha x'taqsam xejn ma' din il-kwistjoni, għaliex il-pagamenti dejjem inħarġu f'isimha u t-*trade name* li jaħdmu bih l-intimati jindika isimha wkoll. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ir-rikorrent qal li huwa qatt ma ltaqa' mal-intimata Claire Caruana, u n-negozjati dejjem saru mal-intimat Matthew Scicluna. Ix-xhud speċifika li minkejja li x-xogħol fiżikament sar minn Matthew Scicluna, il-pagamenti nħarġu f'isem Claire Caruana. Ir-rikorrent ippreżenta kopji tal-irċevuti maħruġa minn CC Turnkey Projects fir-rigward tal-ħlasijiet li saru minnu.

8. L-intimata **Claire Caruana** fix-xhieda tagħha qalet li l-VAT *number* li jidher fuq l-irċevuti li nħarġu lir-rikorrent huwa tagħha, għalkemm qalet li l-irċevuti li ġew ppreżentati, hija qatt ma kienet rathom. Qalet ukoll li l-VAT *number* inkwistjoni kien jintuża mill-intimat l-ieħor u mhux minnha, u l-kitba li tidher fuq dawn l-irċevuti mhijiex tagħha. Żiedet tgħid li hija ma tafx jekk il-

pagamenti li qegħdin jgħidu li għamlu r-rikorrenti kinux saru jew le. Ix-xhud qalet ukoll li minkejja li l-irċevuti esebiti mir-rikorrenti jidhru li nħarġu minnha, fil-verità ma kinitx hi li ħarġithom u lanqas ma setgħet tikkonferma jekk dawk il-ħlasijiet kinux saru jew le. Ix-xhud ċaħdet li kien hemm xi ċekkijiet maħruġa mir-rikorrenti li ssarrfu minnha.

9. Ix-xhud **Joanne Bartolo**, rappreżentanta ta' **Bank of Valletta p.l.c.** xehdet li nħarġu żewġ ċekkijiet minn Clint Muscat pagabbli lil Claire Caruana, wieħed fl-ammont ta' €3,800 u l-ieħor fl-ammont ta' €3,500. Ix-xhud qalet li dawn iċ-ċekkijiet ġew imsarrfa t-tnejn li huma.

10. L-intimata **Claire Caruana** reġgħet xehdet f'udjenza ulterjuri, fejn qalet li l-intimat Matthew Scicluna ma setax jirċievi ċekkijiet maħruġa f'ismu u kien għalhekk li ċ-ċekkijiet kienu joħorġu f'isimha. Żiedet tgħid li hija ma ħadet xejn mill-flus imħallsa permezz ta' dawn iċ-ċekkijiet.

11. **Clint Muscat** xehed ulterjorment u kkonferma li Claire Caruana qatt ma kienet marret fil-proprjetà tiegħu jew tagħtu stima tax-xogħlijiet. Żied jgħid li l-intimat Matthew Scicluna kien qallu li huwa jaħdem bil-*VAT book* ta' Claire Caruana, iċ-ċekkijiet tal-ħlasijiet joħorġu f'isimha u ċ-ċekkijiet jissarrfu minnha. Żied jgħid li huwa ma jafx il-flus imħallsa minnu fejn marru. Qal ukoll li huwa kellu l-impressjoni li l-intimati huma sħab fin-negozju jew li Matthew Scicluna jaħdem għal Claire Caruana.

12. L-intimata **Claire Caruana** permezz ta' *affidavit* xehdet li hija bdiet toħroġ mal-intimat Matthew Scicluna fl-2012. Qalet li hija lil Scicluna minn

dejjem tafu jaħdem għal rasu, u meta ltaqgħet miegħu dan kien jaħdem bħala *tile-layer* u kien ukoll jiġġestixxi *bar* ġewwa Marsaskala. Qalet li tul ir-relazzjoni tagħhom spiss kien jiġri li l-klijenti tiegħu kienu joħorġu ċ-ċekkijiet f'isimha, u hija kienet tiffirmalu sabiex ikun jista' jsarrafhom, minħabba sitwazzjoni fejn l-intimat kellu kollox maqbud u ma setax jagħmel użu minn servizzi bankarji. Ix-xhud spjegat li fl-2015 Scicluna kien qalilha li kien ser jibda negozju ta' importazzjoni ta' għodda lejn Malta, u għalhekk kellu bżonn ktieb tal-VAT. Qalet li dan il-ktieb tal-VAT kellu jsir fuq isimha għaliex l-intimat kellu kollox sekwestrat, u hija kienet aċċettat din is-sitwazzjoni bil-kundizzjoni li jieħu ħsieb kollox Scicluna, inkluż il-pagamenti. Qalet li l-unika ħaġa li għamlet hi kienet li ffirmat id-dokumenti relattivi sabiex seta' jinħareġ il-ktieb tal-VAT, li dejjem inżamm fil-pussess ta' Scicluna. Qalet li min-naħa tagħha hija qatt m'għamlet xi forma ta' qligħ minn dawn l-arranġamenti, u hija kienet qiegħda tagħmel dan bħala pjaċir. Ix-xhud kompliet tgħid li madwar xahar wara li kien ħareġ il-ktieb tal-VAT, l-intimati ħassru r-relazzjoni ta' bejniethom. Qalet li ftit xhur wara, Matthew kien mar ifittixha f'ħanut fejn kienet taħdem, u talabha tiffirma fuq żewġ ċekkijiet li kienu nħarġu f'ismu. Qalet li għall-ewwel irrifjutat, imma huwa baqa' jinsisti u kien aċċertaha li dik kienet l-aħħar darba li kien qiegħed jitlob xi ħaġa bħal dik mingħandha. L-intimata kompliet tgħid li hija qatt ma ltaqgħet mar-rikorrent qabel inbdew dawn il-proċeduri, u hija ma kienet taf assolutament xejn dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrenti. L-intimata qalet li wara li ġiet innotifikata b'dawn il-proċeduri, hija kienet talbet lill-intimat Matthew Scicluna jibagħtilha l-ktieb tal-VAT li kien fuq isimha, u eventwalment kienet indunat li Scicluna kien impustalha dan il-ktieb.

13. In kontroeżami l-intimata qalet li meta saru n-negozjati bejn ir-rikorrenti u Matthew Scicluna, ir-relazzjoni bejnha u Scicluna kienet diġà ntemmet. Qalet ukoll li għalkemm hija kienet aċċettat li l-ktieb tal-VAT isir fuq isimha, il-ftehim bejn l-intimati kien li hija ma jkollha jedd għall-ebda kummissjoni fuq in-negozju ġġenerat minn Scicluna, kif ukoll li hija ma kellha tagħmel tajjeb għall-ebda obbligi li jista' jidħol għalihom Scicluna.

**Is-Sentenza Appellata**

14. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Marzu, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet din il-kwistjoni billi filwaqt li ddikjarat li Matthew Scicluna baqa' kontumaċi f'dawn il-proċeduri, ikkundannat lill-intimati jħallsu solidalment bejniethom is-somma ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin Euro (€5,648) lir-rikorrenti, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi r-rikorrenti intavolaw il-kawża odjerna għar-rifużjoni ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin euro (€5,648) minn somma akbar fl-ammont ta' sebat elef, u tliet mitt euro (€7,300) imħallsa lill-intimati għal xogħol ta' appalt li ma sarx skont is-sengħa u l-arti kif ukoll xogħol ieħor li qatt ma tlesta ġewwa l-proprjetà tagħhom.*
>
> *Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubju li l-ħlasijiet reklamati mir-rikorrenti saru permezz ta' ċekkijiet fuq isem l-intimata Claire Caruana, liema ċekkijiet ġew mgħoddija mir-rikorrenti lill-intimat Matthew Scicluna. L-istess intimat għadda ċ-ċekkijiet lill-intimata Claire Caruana li ffirmathom u l-istess ċekkijiet ġew imsarrfa.*
>
> *Illi abbażi tar-rapport peritali, li ma ġie kkontestat bl-ebda mod mill-intimati, il-bilanċ dovut lir-rikorrenti, wara li ttieħed in konsiderazzjoni x-xogħol imwettaq mill-intimat Matthew Scicluna huwa ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin euro (€5,648).*
>
> *Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirriżultaw pruvati.*

*L-intimat Matthew Scicluna ma kkontestax it-talbiet tar-rikorrenti u huwa kontumaċi. Fil-konfront tiegħu għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati u għandhom jiġu milqugħa.*

*Il-konvenuta Claire Caruana kkontestat it-talbiet tar-rikorrenti. Hija però mhijiex qiegħda tikkontesta l-ammont reklamat mir-rikorrenti iżda tisħaq li għalkemm il-ktieb tal-VAT li minnu ħarġet ir-riċevuti lir-rikorrenti jgħajjat lilha kif ukoll kienet hi li ffirmat iċ-*cheques *li ħarġu mir-rikorrenti f'isimha, hija ma daħlet fl-ebda negozju ta' appalt mar-rikorrenti. Kien l-intimat Matthew Scicluna li kkomunika mar-rikorrenti u sussegwentement innegozja magħhom u rċieva l-ħlas in konnessjoni max-xogħol ta' appalt u għat-talbiet rikorrenti hija tisħaq li għandu jwieġeb Matthew Scicluna.*

*Il-kunsiderazzjoni ġuridika bażi fil-kawża odjerna hija waħda: min huwa responsabbli għall-ħlas ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin euro (€5,648) lir-rikorrenti: Claire Caruana, Matthew Scicluna jew it-tnejn li huma solidalment bejniethom?*

*Primarjament irid jiġi stabbilit min kienu l-partijiet li fformaw parti mir-relazzjoni ġuridika. Fis-sentenza* ***Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma vs Emanuel Grixti*** *tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Jannar, 2007 ingħad li:*

> "B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn iż-żewġ partijiet in virtu ta' liema l-wieħed, kreditur għandu d-dritt jippretendi mingħand l-ieħor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu. Obbligazzjoni din li tista' tkun waħda kemm *'di dare'* jew *'di fare'* jew '*di non fare'.* Tali rapport obbligatorju jista' jkun wieħed f'sens strett u jista' jkun ikollu ukoll dimensjoni aktar wiesgħa."

*Illi għalhekk huwa proprju dan l-eżerċizzju li din il-Qorti trid tagħmel, u ċioe' tifli l-provi prodotti sabiex tara jekk fil-fatt kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati jew min minnhom.*

*Il-Qorti semgħet lill-istess intimata Claire Caruana tammetti li kienet hi stess li kienet iffirmat id-dokumentazzjoni rikjesta sabiex jinħareġ ktieb tal-VAT fuqha kif ukoll li kienu ħarġu ċ-*cheques *in kwistjoni f'isimha. Madankollu fix-xhieda tagħha in subizzjoni hija saħqet għal diversi drabi li c-*cheques *ma kinitx iffirmat fuq wara tagħhom, liema verżjoni inbidlet bl-*affidavit *tagħha fejn insistiet li kif kienet qiegħda tagħti x-xhieda tagħha, hija kienet eċċitata mentri fil-fatt hija ffirmat* cheques *"għexieren ta' drabi" (fn. 28 – a folio 95 tal-proċess) għall-benefiċċju tal-intimat Matthew Scicluna. Din l-allegazzjoni tal-istess intimata jeħtieġ li tiġi ppruvata għaliex huwa prinċipju tal-liġi proċedurali li min jallega għandu fuqu r-responsabbilita u l-*

*kompitu li jagħmel prova sodisfaċenti ta' dak li jkun qiegħed jallega. Żewġ massimi Latini użati regolarment mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward huma:* onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat*, kif ukoll:* reus excipiendo fit actor.

*Huwa evidenti li sabiex l-intimata tikseb prova bħal din, żgur mhuwiex faċli, iżda min-naħa l-oħra ta' min jinnota li fl-ebda ħin u mument l-intimata ma ressqet l-intimat l-ieħor Matthew Scicluna bħala xhud sabiex jikkonferma dak li kienet qiegħda tallega hija stess.*

*Il-Qorti ukoll tinnota li l-intimata Claire Caruana għalkemm tgħid li hija ma kellha xejn x'taqsam mal-ftehim ta' appalt li kien hemm bejn Matthew Scicluna u r-rikorrenti, hija ma ressqet ebda prova sabiex turi li r-rikorrenti kellhom relazzjoni limitatament mal-intimat Matthew Scicluna.*

*Kien għalhekk jinkombi fuq l-intimata Claire Caruana li ġġib il-prova li hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti. L-intimata ma tistax tinnega li mill-provi dokumentarji kollha prodotti, minn imkien ma rriżulta li r-rikorrenti setgħu jiddeduċu li fil-fatt l-intimata Clarie Caruana ma kinitx qiegħda tinnegozja flimkien mal-intimat l-ieħor Matthew Scicluna.*

*Illi in oltre, il-verżjoni tal-intimata illi hija ma kinitx parti min-negozju ma hija xejn kredibbli tenut kont li n-negozju huwa reġistrat f'isimha mad-Dipartiment tal-VAT u tenut kont ukoll illi ċ-ċekkijiet kienu joħorġu f'isimha, u hi kienet ukoll tiffirmahom biex jiġu msarrfa. L-arranġament li seta' kien hemm bejnha u l-intimat l-ieħor, jekk kien hemm, ma għandu l-ebda relevanza jew enforzabilità ma' terzi persuni. Aktar u aktar meta tali ftehim, jekk kien jeżisti, ma ġie bl-ebda mod a konoxxenza tar-rikorrenti, la qabel sar il-ftehim tal-appalt, la fiż-żmien li kien qed jiġi esegwit l-appalt, u wisq anqas meta l-intimat abbanduna l-appalt. Kien jinkombi lill-intimati li jinfurmaw b'tali ftehim lir-rikorrenti.*

*Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu s-somma ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin euro (€5,648) lir-rikorrenti.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

1. *Tiddikjara illi fil-konfront tal-intimat Matthew Scicluna li baqa' kontumaċi, it-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati; u*

2. *Tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata Claire Caruana u tiddikjara illi fil-konfront tal-intimata Claire Caruana t-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati; u*

3. *Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom sabiex jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u erbgħin euro (€5,648), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża u ċioe l-11 ta' Frar, 2016 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Spejjeż a karigu tal-intimati solidalment bejniethom."*

## L-Appell

15. L-appellanta Claire Caruana ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-4 ta' Mejju, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet **Clint Muscat u Martina Vella vs Claire Caruana u Matthew Scicluna** deċiża fl-4 ta' Marzu, 2020 billi:*
>
> *1. Tikkonfermaha fejn iddikjarat illi fil-konfront tal-intimat Matthew Scicluna li baqa' kontumaċi, it-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati;*
>
> *2. Tvarjaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimata Claire Caruana, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiddikjara illi fil-konfront tagħha t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex pruvati;*
>
> *3. Tvarjaha fejn ikkundannat lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom sabiex jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' €5,648 u minflok tikkundanna biss lill-intimat Matthew Scicluna jirrifondi l-istess somma.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-appellanta taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appllati."*

16. L-appellanta Claire Caruana tgħid li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u ssollevat tliet aggravji f'dan ir-rigward. Tgħid li hija m'għandha l-ebda rapport ġuridiku mar-rikorrenti, u dan fid-dawl tal-fatt li l-Ewwel Qorti spjegat li l-ewwel eżerċizzju li kellha tagħmel kien li tara jekk hemmx relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati. Qalet li filwaqt li l-intimat Matthew Scicluna baqa' kontumaċi, hija ressqet risposta għar-rikors

tal-appell tar-rikorrenti fejn l-unika eċċezzjoni tagħha kienet li hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti. Qalet li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li l-appellanta ma ressqet ebda prova sabiex turi li r-relazzjoni tal-rikorrenti kienet limitatament mal-intimat Matthew Scicluna, u li kien jinkombi fuq l-appellanta l-piż tal-prova li hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti. Fl-istess ħin l-Ewwel Qorti qalet li minn imkien ma jirriżulta li r-rikorrenti setgħu jikkonkludu li l-intimata Claire Caruana ma kinitx qiegħda tinnegozja flimkien mal-intimat l-ieħor. L-appellanta qalet li minkejja l-osservazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, jirriżulta manifest li l-appellati dejjem ikkuntrattaw ma' Matthew Scicluna, u huma dejjem ikkomunikaw u nnegozjaw direttament miegħu. Qalet li għalhekk hija ma tistax tifhem għaliex l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li hija ma ġabet l-ebda prova li r-relazzjoni tar-rikorrenti kienet biss mal-intimat Matthew Scicluna, meta l-appellat Clint Muscat stess fix-xhieda tiegħu kkonferma li huwa dejjem tkellem u nnegozja ma' Matthew Scicluna. L-appellanta qalet li barra minn hekk, l-appellat stess xehed li huwa lanqas qatt ma kien iltaqa' magħha qabel bdew dawn il-proċeduri, u huwa ma kienx innegozja magħha jew ħallas lilha direttament. Qalet li anki hija setgħet tikkonferma li qatt ma kienet iltaqgħet mal-appellat qabel iltaqgħet miegħu fil-kurituri tal-Qorti, meta nbdew dawn il-proċeduri. L-appellanta qalet li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna, li normalment persuna tikkontratta għaliha nnifsha, sakemm ma tindikax li tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor, u l-piż tal-prova li kkontrattat f'isem ħaddieħor, jinkombi fuq min ikun għamel din l-allegazzjoni. L-appellanta qalet li r-regola hija li fin-nuqqas ta' provi, jew fid-dubju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt, imma għandu jiġi eskluż.

17. L-appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta li Matthew Scicluna ikkontratta għalih innifsu fin-negozjati mar-rikorrenti, u dan min-naħa tiegħu qatt ma indika li kien qiegħed jikkontratta wkoll f'isem Claire Caruana. Qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-intimat Matthew Scicluna intrabat waħdu u b'mod personali għal din l-obbligazzjoni. L-appellanta qalet ukoll li hija qatt m'għamlet it-tip ta' xogħol li l-appellati kkontrattaw ma' Matthew Scicluna u mill-*employment history* tagħha rriżulta li fil-fatt hija impjegata fuq bażi *full-time* f'ħanut, u ilha f'dan l-impjieg minn ferm qabel sar in-negozju bejn il-partijiet f'din il-kawża. Kompliet tgħid li fiż-żmien meta sar dan in-negozju, ir-relazzjoni li hija kellha mal-intimat kienet diġà spiċċat. L-appellanta qalet li għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti għandha tikkonkludi mhux biss li hija ma kinitx involuta fin-negozju inkwistjoni, imma li hija lanqas biss kienet taf bl-eżistenza tiegħu. Qalet li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ħolqot obbligazzjoni li ma teżistix bejnha u l-appellati, meta l-verżjoni tal-appellati stess tikkonferma li n-negozju sar mal-intimat l-ieħor Matthew Scicluna. Qalet li hija ma kellha l-ebda obbligu tressaq lill-intimat Matthew Scicluna bħala xhud sabiex jikkonferma li hija ma kellhiex x'taqsam ma' dan in-negozju, għaliex il-piż ta' din il-prova kien jinkombi fuq ir-rikorrenti appellati f'dawn il-proċeduri. L-appellanta qalet li f'dan il-każ ma kienx hemm lanqas il-ħtieġa li jitressaq Matthew Scicluna bħala xhud biex jinnewtralizza l-provi miġjuba mir-rikorrenti appellati, għaliex huma stess ikkonfermaw li ma kinux jafu min hija Claire Caruana qabel inbdew dawn il-proċeduri. L-appellanta qalet li għaldaqstant l-Ewwel Qorti mhux biss kellha tilliberaha mill-osservanza tal-

ġudizzju, imma kellha tiddikjara li l-ispejjeż tal-kawża inkorsi minnha, kellhom ibatuhom l-appellati talli ħarrkuha inutilment.

18. L-appellanta żiedet tgħid li l-irċevuti tal-VAT ma joħolqux rabta ġuridika bejnha u l-appellati, u dan minkejja li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li rabta bħal din inħolqot sempliċiment għaliex hija kellha l-ktieb tal-VAT f'isimha u minn dan il-ktieb tal-VAT ħarġu żewġ irċevuti li ngħataw lill-appellati. Qalet li dan il-fatt ma jirrendihiex parteċipi fin-negozju tal-intimat Matthew Scicluna. Qalet li hija qatt ma kkontestat il-fatt li l-ktieb tal-VAT kien fuq isimha, u li hija silfet isimha lil Matthew Scicluna għaliex dak iż-żmien hija kellha relazzjoni miegħu u kienet taf li dan kellu problemi finanzjarji. Qalet li hija ma kinitx taf li Matthew Scicluna kien fi ħsiebu jagħmel xogħol ta' appalt, għaliex li qalilha kien li l-ktieb tal-VAT riedu biex ikun jista' jimporta xi għodda minn barra. Qalet li l-irċevuti inkwistjoni nħarġu u nkitbu minn Matthew Scicluna nnifsu, u kien hu li tahom lill-appellati. L-appellanta qalet li huwa paċifiku li relazzjoni kuntrattwali titnissel min-negozju li jkun miftiehem li jsir bejn persuni kapaċi li jikkuntrattaw, u mhux abbażi tan-numru tal-VAT. L-appellanta qalet li l-fatt li hija kellha n-numru tal-VAT f'isimha ma jrendihiex parteċipi fin-negozju tal-intimat Matthew Scicluna, u in sostenn ta' dan għamlet riferiment għax-xhieda tal-appellat Clint Muscat li ammetta quddiem il-Qorti li l-istima tax-xogħol ingħatat minn Matthew Scicluna biss, u li kien l-istess Scicluna li mar fuq il-post, li għamel ix-xogħlijiet u li rċieva l-pagamenti u ħareġ l-irċevuti. Qalet li magħha qatt ma kien hemm xi forma ta' kuntatt mal-appellati. Żiedet tgħid li l-entità CC Turnkey Projects ma teżistix bħala soċjetà kummerċjali, u għalhekk meta l-appellati kellmu lil Matthew Scicuna, dan kien qiegħed jobbligu ruħu

waħdu u fil-vesti personali tiegħu, għaliex CC Turnkey Projects m'għandha l-ebda personalità ġuridika, u għalhekk ma tistax tassumi responsabbiltajiet jew titħarrek in ġudizzju. Żiedet tgħid li ladarba jirriżulta li l-appellati dejjem ikkuntrattaw direttament ma' Matthew Scicluna, u ladarba ma jirriżultax li CC Turnkey Projects hija kumpannija jew soċjetà kummerċjali skont il-liġi, huwa biss Matthew Scicluna li għandu jwieġeb għall-pretensjonijiet tal-appellati.

19. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta qalet li ċ-ċekkijiet maħruġa favur tagħha ma joħolqu l-ebda rabta ġuridika. Qalet li ċ-ċekkijiet inkwistjoni ngħataw lil Matthew Scicluna, u dawn kienu maħsuba biss għall-ħlas lill-istess Matthew Scicluna tax-xogħlijiet li huwa obbliga ruħu li jagħmel. Żiedet tgħid li l-fatt li Scicluna talab li ċ-ċekkijiet jinħarġu f'isem l-appellanta, ma wellidx ir-rapport ġuridiku li l-appellati jippretendu li hemm magħha. L-appellanta qalet li mill-provi jirriżulta wkoll li ċ-ċekkijiet inkwistjoni ġew ġirati u għalhekk ma ġewx imsarrfa minnha, u dan il-fatt jixhed il-passività assoluta tagħha f'din l-istorja. Qalet li hija ma għamlet l-ebda gwadann minn dan kollu, u għalhekk lanqas ma jista' jintqal li hemm xi arrikkiment indebitu min-naħa tagħha. L-appellanta qalet li l-involviment tagħha f'dan kollu kien wieħed insinifikanti, limitat u passiv, fis-sens li hija ġġirat żewġ ċekkijiet maħruġa f'isimha sabiex ikunu jistgħu jissarrfu minn Matthew Scicluna. Hija qalet li minn dan kollu ma jistax jintqal li hemm xi relazzjoni ġuridika bejnha u l-appellati

**Ir-Risposta tal-Appell**

17. Fir-risposta tagħhom l-appellati wieġbu li l-appell tal-appellanta huwa frivolu u vessatorju, partikolarment meta din tinsisti li bejn il-partijiet m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika u dan minkejja li hija rċeviet il-pagamenti, aċċettathom bil-firma tagħha u ħarġet irċevuta fiskali għall-istess pagamenti. Żiedu jgħidu li dan l-appell tal-appellanta huwa biss tentattiv min-naħa tagħha sabiex din toħroġ mir-responsabbiltajiet li daħlet għalihom meta għamlet l-arranġamenti tagħha mal-intimat Matthew Scicluna. Qalu li l-appellanta għandha terfa' r-responsabbiltajiet tagħha, speċjalment meta mix-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti rriżulta li l-appellat Clint Muscat ingħata x'jifhem li l-appellanta u Matthew Scicluna kienu *partners* jew li Scicluna kien jaħdem għall-appellanta, u l-appellat kien jaf li l-ktieb tal-VAT li kien jaħdem bih Scicluna kien tal-appellanta, iċ-ċekkijiet kienu joħorġu f'isimha u l-pagamenti kienu jissarrfu minnha. L-appellati qalu li bħala regola, din il-Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, ħlief meta tali diskrezzjoni tkun intużat ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwità ta' xhieda. L-appellati jgħidu li huma fetħu l-proċeduri kontra l-intimati quddiem l-Ewwel Qorti għar-rifużjoni ta' flus li huma ħallsu bil-quddiem lill-intimati għax-xogħol li kellhom jagħmlu fid-dar li l-appellati kellhom ħsieb li jużaw bħala d-dar matrimonjali tagħhom. L-appellati qalu li sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet huma saħansitra ħadu faċilitajiet ta' self bankarju. Qalu li meta huma ftiehmu dwar l-appalt tax-xogħol li kellu jsir fil-fond tagħhom, huma laħqu ħallsu depożitu ta' €7,300, u dan ix-xogħol qatt ma tlesta għaliex l-intimati abbandunaw il-lant tax-xogħol

kompletament mingħajr ma lestew ix-xogħol. Qalu li l-proċeduri mibdija minnhom kienu maħsuba biex il-Qorti tordna r-rifużjoni tal-ammont ta' €5,648, wara li ġie kkummissjonat rapport peritali li stabbilixxa l-valur tax-xogħol qabel dan ġie abbandunat. L-appellati għamlu riferiment għall-fatt li minkejja li l-intimat Matthew Scicluna ġie nnotifikat bil-proċeduri mibdija fil-konfront tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-intimat Scicluna qatt ma resaq quddiem il-Qorti u qatt ma rrisponda għall-interpellazzjonijiet li sarulu, għall-kuntrarju tal-appellanta, li xorta waħda ma kkontestatx l-ammont dovut jew il-bilanċ kif ikkalkulat mill-perit tal-appellati. L-appellati żiedu jgħidu wkoll li r-rapport peritali ppreżentat minnhom ma ġiex kontroeżaminat jew iddubitat mill-intimati. L-appellati qalu li għalhekk ġie stabbilit li x-xogħol li kellu jsir baqa' ma sarx, u għalhekk kellha tiġi rifuża lilhom is-somma ta' €5,648. L-appellati qalu li huma rnexxielhom ukoll jippruvaw l-ammont li tħallsu f'pagamenti li għamlu lill-appellanta, liema ħlasijiet saru permezz ta' *bank drafts* u kontra tagħhom inħarġu wkoll l-irċevuti fiskali minn Claire Caruana. L-appellati għamlu riferiment għax-xhieda mogħtija mir-rappreżentanti tal-bank, li kkonfermaw li dawn il-*bank drafts* ġew imsarrfa, u l-appellanta kkonfermat il-firma tagħha fuq kull *bank draft* li nħareġ. L-appellati qalu li mill-provi jirriżulta li l-intimati kienu joffru servizzi ta' *turnkey,* u li Scicluna u Caruana kienu jagħmlu xogħol bi sħab, fejn Caruana kienet tiġġestixxi n-negozju li jsir permezz ta' kontijiet f'isimha, numru tal-VAT maħruġ f'isimha u bil-pagamenti kollha maħruġa f'isimha. Qalu li huma jemmnu li l-pożizzjoni tagħhom fil-kawża ġiet ippruvata bl-aktar mod ċar. Qalu li l-appellanta ma kinitx kredibbli fit-tweġibiet li tat kull darba li dehret quddiem il-Qorti, u x-xhieda mogħtija minnha kienet kontradittorja, partikolarment fejn hija ċaħdet li l-firem fuq iċ-

ċekkijiet kienu tagħha, u meta xehdet li hija ma taf xejn dwar il-ħlasijiet li saru permezz ta' ċekkijiet mill-appellati. L-appellati qalu li biex jippruvaw il-punt tagħhom li dawn iċ-ċekkijiet ġew imsarrfa, huma kellhom iħarrku rappreżentant tal-bank, u minkejja li l-ewwel darba li xehdet quddiem il-Qorti l-appellanta qalet li mhux minnu li hija kienet sarrfet dawn iċ-ċekkijiet jew iffirmathom, waqt udjenza sussegwenti hija ftakret li fil-fatt kienet iffirmat iċ-ċekkijiet. L-appellati qalu li l-appellanta mhijiex xhud kredibbli u attendibbli, u mill-imġiba tagħha din uriet li l-interess tagħha huwa li taħbi dak li verament ġara. Qalu li l-unika difiża tal-appellanta hija li minkejja li l-kumpannija hija tagħha, in-numru tal-VAT huwa tagħha u l-pagamenti ħarġu f'isimha, hija ħalliet f'idejn Scicluna biex imexxi n-negozju hu. Qalu li għalhekk bid-difiża tagħha l-appellanta ppruvat titfa' l-piż kollu fuq Scicluna, li hija naqset milli tressqu bħala xhud. L-appellati qalu li legalment, id-dikjarazzjoni xejn kredibbli tal-appellanta tissorvola żewġ prinċipji importanti li jemerġu mil-liġi u mill-ġurisprudenza Maltija, jiġifieri li f'każ ta' attività kummerċjali u f'obbligazzjoni naxxenti mill-istess, il-kondebituri jridu jwieġbu għad-dejn *in solidum* bejniethom, u d-difiża tal-appellanta tammonta biss għal reċitazzjoni tal-istitut tal-*prestanome.* L-appellati jgħidu li fil-kontroeżami li sar lill-appellanta fis-16 ta' Jannar, 2019, hija stqarret li meta ġie stabbilit it-*trade name* u l-kont tal-VAT, il-ħsieb kien li jsiru atti kummerċjali kemm ta' xiri kif ukoll ta' kostruzzjoni. Qalu li b'hekk huwa ovvju li dawn kienu atti ta' kummerċ li huma regolati mill-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-artikolu 115, fejn jingħad li fl-obbligazzjonijiet kummerċjali huwa preżunt, fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati *in solidum.* L-appellati qalu li mix-xhieda mogħtija mill-appellanta, jirriżulta li dak li tiddefendi ruħha bih, fih l-

elementi kollha tal-*prestanome,* jiġifieri sitwazzjoni fejn hemm ftehim jew konvenzjoni sigrieta bejn tnejn min-nies sabiex persuna tiġġestixxi għan-nom ta' persuna oħra konvenzjoni apparenti, iżda fir-realtà l-persuna tkun qed tiġġestixxi f'isimha. L-appellati qalu li element ewlieni f'dan it-tip ta' istitut huwa li t-terz ma jkunx jaf b'dan l-arranġament sigriet, u jibqa' taħt l-impressjoni li jkun qiegħed jinnegozja u jikkontratta ma' persuna oħra. L-appellati qalu li minkejja li l-appellanta tippretendi li din l-ispjega tagħha hija waħda sufficjenti, fil-liġi dan mhux biżżejjed għaliex għat-terz tali ftehim sigriet ma jeżistix u l-obbligazzjoni tiegħu tibqa' fil-konfront ta' dak li jidher *ictu oculi.* L-appellati qalu li bejn il-partijiet responsabbli għall-*prestanome* jibqa' d-dritt ta' rivalsa, iżda qatt m'għandha tintuża d-difiża tal-*prestanome* fil-konfront tat-terz. L-appellati qalu li jekk il-verżjoni tal-appellanta hija minnha, din qatt m'għandha tiġi liberata mill-obbligu li għandha fil-konfront tar-rikorrenti, u billi hija responsabbli *in solidum* ma' Scicluna, hija għandha tagħmel tajjeb għat-talba tal-appellati, filwaqt li jibqgħalha dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' Scicluna, li hija naqset milli tressaq bħala xhud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, kemm fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, kif ukoll fid-dawl tar-risposta ppreżentata mill-appellati. Wara li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-intimati Claire Caruana u Matthew Scicluna għandhom jagħmlu tajjeb solidalment għall-pretensjoni tar-rikorrenti appellati, l-appellanta Claire Caruana ressqet l-

appell tagħha minn dik id-deċiżjoni wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ewlenija tagħha li hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u għalhekk ma setgħetx tiġi kkundannata tagħmel tajjeb, flimkien mal-intimat l-ieħor, għar-rifużjoni tal-flus mitluba minnhom.

*L-Ewwel Aggravju:* *ir-rapport ġuridiku*

19. L-appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li hija għandha xi forma ta' relazzjoni ġuridika mal-appellati, u li hija ma ġabet l-ebda prova biex turi li r-relazzjoni tal-appellati kienet biss mal-intimat Matthew Scicluna u mhux magħha wkoll. Tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta ddeċidiet li kien jinkombi fuqha l-piż tal-prova li hija ma kellha l-ebda relazzjoni bħal din mal-appellati, u dan għaliex mill-provi jirriżulta li l-appellati dejjem ikkontrattaw ma' Matthew Scicluna, u dejjem ikkomunikaw u nnegozjaw miegħu. Tgħid li dan ġie kkonfermat mill-appellant Clint Muscat innifsu, u hija ma kellha għalfejn iġġib l-ebda prova sabiex tikkontradixxi dak li qalu l-appellati, għaliex dawn effettivament ikkonfermaw li l-ewwel darba li ltaqgħu mal-appellanta kien wara li nbdew dawn il-proċeduri. L-appellanta ssostni li bħala regola ġenerali, normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, u l-ebda mandat ma jista' jiġi preżunt. Qalet li f'dan il-każ Matthew Scicluna kien qiegħed jikkuntratta għalih innifsu, u mill-provi ma jirriżultax li dan kien qiegħed jikkontratta f'isem CC Turnkey Projects, jew li hija kienet involuta fin-negozju ta' Scicluna. Tgħid li għall-kuntrarju, ġie ppruvat li hija kienet impjegata *full-time* f'ħanut, u hija qatt m'għamlet it-tip ta' xogħol li ftiehmu dwaru r-rikorrenti mal-intimat Matthew Scicluna. Saħqet li għalhekk l-

Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta naqset milli tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

20. L-appellati ma qablux ma' din il-pożizzjoni tal-appellanta, u jgħidu li huma istitwew dawn il-proċeduri kontra tagħha wkoll għaliex irriżultalhom li l-appellanta aċċettat il-pagamenti, ħarġet irċevuti fiskali f'isimha meta saru l-pagamenti, u sussegwentement iffirmat iċ-ċekkijiet sabiex dawn setgħu jissarrfu. Qalu li tul in-negozjati tagħhom ma' CC Turnkey Projects, minkejja li huma tkellmu u laħqu ftehim ma' Matthew Scicluna, dejjem ingħataw l-impressjoni li Scicluna u l-appellanta huma sħab fin-negozju, jew li Scicluna jaħdem għaliha. Spjegaw li kien għalhekk li meta x-xogħol safa abbandunat, huma pproċedew kemm kontra Claire Caruana, kif ukoll kontra Matthew Scicluna, għar-rifużjoni tal-flus imħallsa minnhom, għaliex Claire Caruana kienet il-persuna li ħarġet l-irċevuti fiskali wara li sar il-ħlas, li aċċettat il-pagamenti f'isimha u li ffirmat iċ-ċekkijiet maħruġa minnhom qabel dawn issarrfu.

21. Il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, minn fejn jirriżulta li l-appellati avviċinaw lil CC Turnkey Projects wara li fl-2015 kienu akkwistaw dik li kellha tkun id-dar matrimonjali tagħhom, u kien hemm bżonn li jsiru xi xogħlijiet fiha. L-appellat Clint Muscat xehed li huwa dejjem tkellem ma' Matthew Scicluna għal CC Turnkey Projects, u meta dan talbu xi pagamenti sabiex ikun jista' jixtri l-materjal qabel jibda x-xogħol, l-appellati ħallsuh permezz ta' *bank draft* u l-intimat Scicluna tahom irċevuta fiskali maħruġa f'isem Claire Caruana, u rriżulta wkoll li l-ktieb tal-VAT u n-numru tal-VAT li kien qiegħed jinnegozja bih

Matthew Scicluna għal CC Turnkey Projects kienu f'isem l-appellanta. L-appellanta fix-xhieda tagħha spjegat li hija kellha relazzjoni mal-intimat Scicluna, u fiż-żmien meta saret tafu, dan kien diġà jaħdem għal rasu billi kien jagħmel xogħol ta' tqegħid ta' madum kif ukoll kien jiġġestixxi *bar* ġewwa Marsaskala. Fix-xhieda tagħha l-appellanta qalet li hija kienet taf li l-intimat Scicluna kellu problemi finanzjarji u ma setax ikollu kont bankarju jew ktieb tal-VAT f'ismu, u kien għalhekk li meta Scicluna infurmaha li xtaq jibda negozju ġdid ta' importazzjoni ta' għodda, hija kienet għamlitlu "pjaċir" u qablet li l-kotba tal-VAT isiru fuq isimha. Jirriżulta wkoll, anki jekk l-appellanta fil-bidu li bdiet tiddeponi ċaħdet li kien isir hekk, li tul ir-relazzjoni tagħha mal-intimat Scicluna, spiss kien jiġri li dan kien jitlob li ċ-ċekkijiet għall-ħlas tax-xogħol li jsir minnu jinħarġu f'isem l-appellanta. L-appellanta tgħid, in sostenn tal-pożizzjoni tagħha, li hija qablet li isimha jidher fuq il-ktieb tal-VAT u fuq dokumentazzjoni oħra relatata man-negozju ta' Scicluna bil-patt u kundizzjoni li hija ma tkun responsabbli għall-ebda obbligi tan-negozju. Imma l-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-appellanta qablet li tislef isimha lill-intimat Scicluna sabiex dan ikun jista' jidħol f'obbligi kuntrattwali ma' terzi, din kellha tuża viġilanza massima, partikolarment f'ċirkostanzi fejn din kienet taf li Scicluna għal xi raġuni jew oħra kellu flusu ssekwestrati, sabiex tassigura li ma tesponix ruħha għal obbligi li ma kellhiex għalfejn jew ma xtaqitx tidħol fihom.

22. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et nomine *vs.* Continental Meat Company Limited**[1]:

[1] 23.10.2009.

"... huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinżel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kuntrattwali, extra-kuntrattwali, delittwuż jew akwiljan. Ara Art. 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni mal-oġġett jew it-titolu tal-kawża. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti tal-Appell kolleġġjali fid-deċiżjoni in re: "**Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et**", 5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabbilixxi jekk parti in kawża kinitx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra "kellha bilfors tivverifika *prima facie,* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et *vs.* Emanuel Grixti**[2], mogħtija wkoll minn din il-Qorti diversament preseduta, intqal illi:

"... b'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn iż-żewġ partijiet in virtù ta' liema l-wieħed, kreditur għandu dritt jippretendi mingħand l-ieħor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu. Obbligazzjoni din li tista' tkun waħda kemm *di dare* jew *di fare* jew *di non fare.* Tali rapport obbligatorju jista' jkun wieħed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgħa."

22. Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellati avviċinaw *in buona fede* lil CC Turnkey Projects u daħlu fi ftehim ta' appalt għal xogħol meħtieġ minnhom fil-proprjetà tagħhom. F'dan ir-rigward huwa immaterjali dak li ntqal li n-negozjati u l-komunikazzjonijiet saru kollha ma' Matthew Scicluna, għaliex dan ippreżenta ruħu, aċċetta l-ħlas, u eventwalment anki ħareġ irċevuta fiskali f'isem l-appellanta Claire Caruana, għan-nom ta' CC Turnkey Projects. Huwa minnu li CC Turnkey Projects huwa *trade name* u mhux entità ġuridika distinta, imma jirriżulta *prima facie* bl-aktar mod ampju li l-appellati nnegozjaw ma' CC Turnkey Projects, u d-dokumentazzjoni uffiċjali

[2] 10.01.2007.

kollha fir-rigward ta' din l-entità tindika isem l-appellanta bħala l-persuna wara dan in-negozju. Il-fatt li Matthew Scicluna naqas milli jagħmel ix-xogħol kif mitlub, irid jitqies fil-kuntest tal-fatti kif ġraw – koppja li ser jiżżewwġu, xtraw dar, sabu *turnkey contractor* biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ minnhom, ħallsuh depożitu, u meta dan ix-xogħol maqbul bejn il-partijiet baqa' ma sarx, l-appellati talbu għar-rifużjoni ta' flushom lura billi pproċedew kontra l-persuni kollha li huma jafu li kienu involuti fl-appalt ikkuntrattat magħhom. L-appellanta tgħid li huwa prinċipju legali magħruf li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, u l-mandat qatt m'għandu jiġi preżunt iżda jrid ikun ippruvat. Huwa proprju għaliex Matthew Scicluna ma kkuntrattax għalih innifsu, imma f'isem CC Turnkey Projects, u għaliex lill-appellati rriżultalhom li wara CC Turnkey Projects hemm l-appellanta, li dawn ipproċedew kontra tagħha ukoll. Dan kien imsaħħaħ minn provi oħra, bħall-fatt li mhux biss l-irċevuti fiskali nħarġu f'isem l-appellanta, imma jirriżulta wkoll li ċ-ċekkijiet li ssarrfu kienu ġġirati mill-appellanta, fatt ieħor dan li jxejjen għalkollox il-pożizzjoni tal-appellanta li hija ma kinitx taf b'dan in-negozju jew li hija ma kinitx mgħarrfa b'dan l-appalt. Il-provi juru mod ieħor, u huwa għalhekk li din il-Qorti qiegħda tqis li l-ewwel aggravju mhux mistħoqq, u tiċħdu.

| | |
|---|---|
| *It-tieni aggravju:* | *l-irċevuti tal-VAT ma joħolqux rabta ġuridika mal-appellati* |
| *It-tielet aggravju:* | *il-fatt li ċ-ċekkijiet kienu jinħarġu fuq isimha ma joħolqux rabta ġuridika mal-appellati* |

23. L-appellanta tgħid li hija ma kinitx parteċipi fin-negozju ta' Matthew Scicluna, u minkejja li l-ktieb tal-VAT kien f'isimha, kien Scicluna li ser jikkuntratta xogħlijiet ta' appalt u juża l-ktieb tal-VAT għal dan l-iskop. L-appellanta tagħmel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jgħidu li relazzjoni kuntrattwali ma titwelidx mill-ħruġ ta' ktieb tal-VAT, u tgħid li f'dan il-każ CC Turnkey Projects mhijiex entità ġuridika u għalhekk ma tistax tassumi responsabbilità jew titħarrek in ġudizzju.

24. Din il-Qorti tosserva li l-irċevuti fiskali ppreżentati quddiem l-Ewwel Qorti jistabbilixxu b'mod ċar li dawn inħarġu għal xogħol ta' *turnkey,* u flimkien mad-dettalji personali tal-appellanta hemm inkluż it-*trade name* CC Turnkey Projects. Għaldaqstant huwa ferm inverosimili li l-appellanta ma kinitx taf li dan il-ktieb tal-VAT kien qiegħed jintuża minn Scicluna biex joħroġ irċevuti għal xogħol ta' *turnkey,* għaliex dan huwa indikat fuq il-ktieb tal-VAT stess li ffirmat għalih l-appellanta. Filwaqt li huwa minnu li ktieb tal-VAT jew irċevuti fiskali waħedhom ma jnisslu l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, madanakollu f'dan il-każ mhumiex biss il-ktieb tal-VAT u l-irċevuti fiskali li nħarġu li joħolqu rabta bejn l-appellati u l-appellanta, imma anki l-fatt li ċ-ċekkijiet maħruġa mill-appellati nħarġu f'isem l-appellanta u saħansitra ġew iffirmati minnha qabel issarrfu. Il-provi kollha prodotti fil-kawża jindikaw li l-appellanta kienet ben konsapevoli ta' dak li kien qiegħed jagħmel Scicluna.

25. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-fatt li ċ-ċekkijiet għall-ħlas kienu joħorġu f'isimha, ma kellux jwassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li b'daqshekk hija kellha xi rabta ġuridika mal-appellati, għaliex hija baqgħet

passiva f'dan kollu, m'għamlet l-ebda gwadann għaliha u għalhekk m'għandu jirriżulta l-ebda arrikkiment indebitu da parti tagħha, għaliex l-involviment tagħha kien biss wieħed insinifikanti, limitat u passiv.

26. Il-Qorti sejra tikkonsidra t-tieni u t-tielet aggravji flimkien, u tqis li l-fatt li l-irċevuta fiskali nħarġet f'isem l-appellanta, u l-fatt li ċ-ċekkijiet għax-xogħol li kien jagħmel Scicluna kienu jinħarġu f'isem l-appellanta, għandu piż probatorju ferm akbar mill-ispjegazzjoni li qiegħda tipprova tagħti l-appellanta. Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-appellanta kienet taf li Scicluna kien jinsab f'ċerti diffikultajiet u ma setax jopera kont bankarju jew ikun regolat taħt il-liġi tal-VAT. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidħol f'dak il-mertu partikolari, iżda żgur li l-appellanta kellha obbligu li toqgħod attentat ħafna għal dak kollu li kien qiegħed jagħmel Scicluna, partikolarment meta isem l-appellanta kien jidher fuq kull irċevuta fiskali maħruġa, u aktar u aktar wara li allegatament ir-relazzjoni bejn l-appellanta u l-istess Scicluna kienet spiċċat. Quddiem din is-sitwazzjoni, il-Qorti tqis li huwa ferm aktar verosimili li bejn l-intimati kien hemm arranġament ta' *prestanome,* fejn kien hemm ftehim 'sigriet' li permezz tiegħu wieħed mill-intimati kien qiegħed jidher għall-parti l-oħra, mingħajr ma tali arranġament jiġi mgħarraf lit-terzi li jikkuntrattaw magħhom.

27. Il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-aggravji sollevati mill-appellanta m'għandhomx jintlaqgħu, għaliex mhux kredibbli li jintqal li wara li l-appellanta irreġistrat negozju mad-Dipartiment tal-VAT f'isimha, kienet tiffirma ċ-ċekkijiet li bihom kien isir il-ħlas lil Scicluna u li kienu joħorġu f'isimha sabiex ikunu jistgħu jissarrfu, din issa qiegħda tieħu l-pożizzjoni li m'għandha l-ebda rabta

kuntrattwali mal-appellati. F'każ li jirriżulta li kif qiegħda tgħid l-appellanta din ma ggwadanjat bl-ebda mod minn dan l-arranġament li kellha mal-intimat Scicluna, hija għandha r-rimedju tar-rivalsa fil-konfront tiegħu, iżda ċertament li f'dan l-istadju ma tkunx qiegħda ssir ġustizzja li kieku l-aggravji sollevati mill-appellanta jintlaqgħu minn din il-Qorti, u għalhekk tiċħadhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u ta' dan l-appell a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**